MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tad-29 ta' Frar, 2012

Numru. 449/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs.**

**Charlot Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Charlot Zammit, bin Moses u Mary nee Degiorgio, imwieled Pieta fis-7 ta' Jannar 1986, li joqghod Blk 3, Bieb A, Flt 4, Triq il-Mithna, Gudja u detentur tal-karta ta' l-identita 43786(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fit-3 ta' Dicembru 2007 u fis-sitt xhur ta' qabel din id-data fil-Gudja u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer:

1) kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’ l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta’ l-Artikolu 22 ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha;

Wara li semghet it-trattazzjoni dwar il-piena u li l-partijiet qablu li l-imputat ghandu jitpogga taht Ordni ta’ Probation.

Wara li rat li fis-seduta ta’ l-10 ta’ Jannar 2011, dina l-Qorti issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza, u irrilevat li

fl-istqarrija tieghu esebita bhala Dok JF2, l-imputat kien ammetta li fil-21 ta’ Novembru 2007 nghatatlu sentenza ta’ sentejn habs sospizi ghal 4 snin, u peress li kien jidher li r-reat li tieghu hu akkuzat fil-kawza odjerna sehh fil-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza sospiza, dina l-Qorti ordnat lill-ufficjal prosekutur jipprezenta kopja aggornata tal-fedina penali, kopja tas-sentenza li ordnat il-prigunerija sospiza u jekk inhu l-kaz kopja tas-sentenza li irrendiet is-sentenza sospiza operattiva.

Wara li rat il-fedina penali aggornata, u t-tlett sentenzi esebiti mill-ufficjal prosekutur.

Wara li rat in-nota ta’ l-imputat tal-5 ta’ Mejju 2011.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta’ l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, u li mill-fedina penali aggornata ezebita mill-prosekuzzjoni fuq talba ta’ din il-Qorti, jirrizulta li l-imputat gie ikkundannat tlett darbiet.

Fl-ewwel sentenza u cioe dik ta’ l-14 ta’ Novembru 2007 moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta, l-imputat inghata sentenza ta’ sentejn prigunerija sospizi ghal erba’ snin u tpogga taht ordni ta’ supervizjoni. It-tieni sentenza ta’ l-24 ta’ Gunju 2008, ukoll moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta, irrendiet operattiva is-sentenza sospiza kif ukoll ikkundannat lill-imputat piena addizzjonali ta’ 18-il xahar prigunerija. Mix-xhieda ta’ CO 3 Michael Micallef jirrizulta li l-imputat diga skonta dawn iz-zewg perjodi ta’ prigunerija.[1] Ghaldaqstant jirrizulta car li ghalkemm l-imputat ikkometta r-reat odjern fil-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza, din is-sentenza sospiza diga giet attivata permezz ta’ sentenza ohra sussegwenti.

[1] Ara xhieda ta’ CO 3 Michael Micallef fis-seduta tad-29 ta’ April 2011

Fit-tielet sentenza u cioe dik ta' l-24 ta' April 2009 moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta, l-imputat rega' gie ikkundannat ghal 18-il xahar priginerija sospizi ghal erba' snin u tpogga taht ordni ta' supervizjoni, liema ordni qieghda tigi esegwita, kif xehdet l-Ufficjal tal-Probation Carmen Nygaard.[2] Konsegwentement ma jaghmel l-ebda sens logiku li din il-Qorti tpoggi lill-imputat taht ordni ta' probation, kif kien gie suggerit inizzjalment mill-partijiet.

In vista tal-fatt li mill-atti ma jirrizultax li f'dan il-kaz gew inkorsi xi spejjez ghal hatra ta' esperti, il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba sabiex l-imputat ihallas tali spejjez.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artkoli 22(1)(a), 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939 issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' hames mitt Euro (€500.00), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50.00), b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-1 ta' April 2012, b'dan li jekk l-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Il-Qorti tordna id-distruzzjoni tad-droga u l-affarijiet relatati maghha esebiti taht is-supervizjoni tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[2] Ara fol. 34 tal-process – Seduta tas-16 ta' Frar 2011.